Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Mejju 2020
(OR. en)

8402/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0103(COD)

ECOFIN 411
UEM 180
CADREFIN 106
CODEC 438

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 28 ta' Mejju 2020 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2020) 409 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 409 final.

---

Mehmuż: COM(2020) 409 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2020
COM(2020) 409 final

2020/0103 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku**

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta

It-tifqigħa tal-pandemija COVID-19 bidlet il-perspettiva ekonomika għas-snin li ġejjin fl-Unjoni u fid-dinja. L-impatt fuq żmien qasir tal-kriżi ta' COVID-19 fl-Istati Membri individwali se jiddependi fuq it-tul u s-severità tal-miżuri ta' konfinament, il-kompożizzjoni tal-produzzjoni u l-miżuri ta' politika ekonomika li ttieħdu biex jittaffa l-impatt fuq żmien qasir tal-kriżi. L-effetti fuq żmien medju u twil tal-kriżi se jiddependu fuq ir-reżiljenza tal-ekonomiji tagħhom. Minħabba d-differenzi fl-impatt ekonomiku fuq żmien qasir u fl-ispazju ta' politika disponibbli, hemm riskju reali li l-kriżi tal-COVID-19 se tikkawża aktar twessigħ tad-diverġenzi fl-Unjoni fin-nuqqas ta' azzjoni politika deċiżiva.

Hekk kif il-miżuri ta' konfinament jitneħħew b'mod gradwali, hemm bżonn li jiġi ppjanat b'mod strateġiku l-irkupru, ir-rivitalizzazzjoni tal-ekonomija u r-rilanċ tat-tkabbir sostenibbli. Dan jeħtieġ l-appoġġ ta' investimenti pubbliċi u privati iżda wkoll it-tisħiħ tal-isforzi ta' riforma tal-Istati Membri biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet soċjali u ekonomiċi sottostanti tal-ekonomiji tagħhom, it-titjib tar-reżiljenza tagħhom u l-faċilitazzjoni tar-ritorn għal tkabbir sostenibbli. F'dan ir-rigward, huwa kruċjali li jitkomplew l-isforzi ta' riforma tal-Istati Membri billi jingħataw appoġġ tekniku sostanzjali biex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tagħhom biex iħejju u jimplimentaw ir-riformi li jrawmu r-reżiljenza u jsostnu l-irkupru.

Dan ir-Regolament jipproponi li jiġi stabbilit Strument ta' Appoġġ Tekniku indipendenti disponibbli għall-Istati Membri, bħala suċċessur għall-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (Structural Reform Support Programme, SRSP)[1]. L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku se jiżgura li l-Kummissjoni tkun tista' tkompli tipprovdi għarfien espert speċifiku fuq il-post biex tiżgura li l-Istati Membri jkollhom il-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva meħtieġa biex jiżviluppaw u jimplimentaw riformi li jtejbu t-tkabbir u jkunu kapaċi jsaħħu r-reżiljenza tal-ekonomiji Ewropej permezz ta' strutturi amministrattivi effiċjenti u li jiffunzjonaw tajjeb. Għal dan il-għan, bħal fil-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali, dan se jkollu l-għan li jakkumpanja lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri li jkunu qed jagħmlu t-talba matul l-istadji kollha jew f'fażijiet speċifiċi tal-proċess ta' riforma.

Għal raġunijiet ta' konvenjenza, u bil-ħsieb li jkun hemm qbil malajr kemm jista' jkun mill-koleġiżlaturi, din il-proposta għal regolament tieħu bħala bażi l-aħħar test tal-istrument ta' appoġġ tekniku li jinsab fil-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Programm ta' Appoġġ għal Riformi (RSP)[2] kif diskuss mill-koleġiżlaturi f'dawn l-aħħar xhur. Il-proposta għall-Programm ta' Appoġġ għal Riformi ġiet irtirata.

Fil-31 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni pproponiet il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi fil-kuntest tal-proposti għal programmi settorjali tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-2021-2027. Din il-proposta kienet tinkludi strument ta' appoġġ tekniku, li għandu l-għan li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex isaħħu l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. It-test ta' din il-proposta ġie diskuss fil-Kunsill taħt il-presidenza Finlandiża u dik Kroata u sar qbil fil-prinċipju fil-Kunsill dwar dak l-istrument.

---

1 Ir-Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għall-perjodu mill-2017 sal-2020 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1305/2013, ĠU L 129, 19.5.2017, p. 1-16.

2 2018/0213 (COD), Brussell 31.5.2018 COM(2018) 391 final.

B'mod parallel, il-Parlament Ewropew kien qed jaħdem fuq il-proposta tal-Kummissjoni għall-Programm ta' Appoġġ għal Riformi u ppreżenta l-abbozz ta' rapport tiegħu fl-20 ta' April 2020.

B'mod parallel ma' din il-proposta, biex twieġeb għall-isfidi l-ġodda ppreżentati mill-kriżi ta' COVID-19, il-Kummissjoni pproponiet ukoll regolament għal Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[3] li se jipprovdi appoġġ finanzjarju fuq skala kbira għal investimenti pubbliċi u riformi li jagħmlu l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti, u mħejjija aħjar għall-futur. L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jista' jappoġġa lill-Istati Membri fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' rkupru u ta' reżiljenza permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jippermetti lill-Kummissjoni tappoġġa lill-awtoritajiet tal-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex ifasslu r-riformi skont il-prijoritajiet tagħhom li jiżviluppaw u jimplimentaw politiki u strateġiji ta' riforma, kif ukoll jibbenefikaw minn prattiki tajba u eżempji ta' pari. L-appoġġ tekniku se jkun partikolarment meħtieġ wara l-kriżi. Din il-proposta għalhekk tikkumplimenta b'mod adegwat il-pakketti ta' miżuri li huma proposti mill-Kummissjoni biex tindirizza l-konsegwenzi ekonomiċi tal-pandemija COVID-19, jiġifieri l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ir-REACT EU[4] permezz tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni, il-proposti emendati għall-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u l-InvestEU, u l-firxa ta' miżuri żviluppati b'reazzjoni għall-pandemija COVID-19 bħall-"Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus"[5].

L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jibni fuq is-suċċess tal-SRSP, li esperjenza b'mod kostanti rispons pożittiv mill-Istati Membri benefiċjarji u domanda eċċessiva fir-rigward tal-baġits disponibbli f'sessjonijiet ta' għażla tal-passat (pereż. għas-sessjoni tal-2019, minn 508 talba ppreżentati, ekwivalenti għall-valur totali ta' EUR 194 miljun, 263 li jammontaw għal EUR 79,3 miljun setgħu jintgħażlu; għas-sessjoni tal-2020, minn 609 talba ppreżentati, ekwivalenti għal valur ta' EUR 250 miljun, 228 li jammontaw għal EUR 84,7 setgħu jintgħażlu). L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku huwa mfassal bħala kontinwazzjoni tal-SRSP eżistenti, u huwa konsistenti, koerenti u komplementari għar-riżorsi eżistenti għall-bini ta' kapaċità u l-assistenza teknika, li huma disponibbli fi programmi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni. L-assistenza teknika disponibbli permezz tal-politika ta' koeżjoni għandha l-għan li tgħin lill-partijiet interessati jimplimentaw programmi u proġetti ffinanzjati mill-Unjoni, fil-forma ta' appoġġ finanzjarju għat-tħejjija, il-ġestjoni, l-evalwazzjoni, il-monitoraġġ, l-awditjar u l-kontroll li sar disponibbli permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni. Għaldaqstant, l-assistenza teknika disponibbli f'dan il-kuntest għandha l-għan li tibni l-kapaċità li tamministra fondi tal-Unjoni u li trawwem l-implimentazzjoni ta' proġetti kofinanzjati mill-fondi tal-Unjoni, u b'hekk tiffaċilita l-assorbiment ta' dawn il-fondi. Iċ-ċentru ta' assistenza teknika disponibbli mill-InvestEU hija prinċipalment immirata lejn it-tħejjija ta' proġetti kbar (privati) ta' investiment u ma timmirax għal riformi strutturali. B'kuntrast ma' dan, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku għandu l-għan li jipprovdi appoġġ għall-kapaċità amministrattiva u r-riformi strutturali fit-tul, u b'hekk jikkumplimenta b'mod adegwat u jżid il-valur tal-assistenza eżistenti pprovduta mid-diversi programmi settorjali tal-Unjoni u l-azzjonijiet imwettqa bil-fondi tal-Unjoni.

---

3 [COD…]
4 ĠU…
5 ĠU…

Barra minn hekk, dan l-istrument huwa konsistenti mal-gwida ta' politika pprovduta permezz tas-Semestru Ewropew, billi jipprovdi appoġġ tekniku biex titrawwem l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi indirizzati lill-Istati Membri f'dak il-kuntest.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti ma' komplementarjetà u sinerġiji mal-politiki l-oħrajn tal-Unjoni u tipprevedihom.

L-għan tal-proposta li tistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huwa li toffri appoġġ finanzjarju għall-investimenti u r-riformi pubbliċi, b'mod partikolari fil-qasam tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, li jagħmlu l-ekonomiji aktar reżiljenti u mħejjija aħjar għall-futur.

L-istrument ta' appoġġ tekniku se jkun komplementari għall-proposta li tistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, billi se jipprovdi appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri u, f'dan il-kuntest, se jappoġġa t-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u ta' reżiljenza li jistabbilixxu riformi u investimenti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u, b'mod aktar ġenerali, ukoll biex jipprovdu appoġġ għal azzjonijiet ta' riforma nazzjonali relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 175 (it-tielet paragrafu) u 197(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 175 (it-tielet paragrafu) TFUE jipprevedi, jekk jinħass il-bżonn li jkun hemm azzjonijiet speċifiċi lil hinn mill-Fondi u mingħajr preġudizzju għall-miżuri deċiżi fil-qafas tal-politiki l-oħra tal-Unjoni, li dawn l-azzjonijiet jistgħu jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mal-Kumitat tar-Reġjuni.

L-Artikolu 197(2) TFUE jipprevedi li l-Unjoni tista' tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex itejbu l-kapaċità amministrattiva tagħhom biex jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, fost oħrajn, billi tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u tappoġġa l-iskemi ta' taħriġ. L-ebda Stat Membru ma għandu jkun marbut li jagħmel użu minn dan l-appoġġ. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għal dan l-għan, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri.

Fid-dawl tal-Artikoli 175 u 197 TFUE, ir-regolament għandu l-għan li jtejjeb il-koeżjoni, permezz ta' miżuri li jippermettu l-irkupru, ir-reżiljenza u l-konverġenza fl-Istati Membri kkonċernati.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklussiva)**

Il-finanzjament tal-attivitajiet proposti permezz tar-regolament previst jirrispetta l-prinċipji ta' valur miżjud Ewropew u ta' sussidjarjetà. Il-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni jikkonċentra fuq attivitajiet li l-għanijiet tagħhom ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom ("test tan-neċessità"), u jekk l-intervent tal-Unjoni jista' jġib valur miżjud meta mqabbel mal-azzjoni tal-Istati Membri waħedhom.

L-għan tar-regolament huwa li jippromwovi l-koeżjoni billi jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw ir-riformi meħtieġa biex jinkisbu l-irkupru ekonomiku u soċjali, ir-reżiljenza u l-konverġenza, u biex jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-istituzzjonijiet, il-governanza, l-amministrazzjoni pubblika, u s-setturi ekonomiċi u soċjali.

Il-loġika sottostanti tar-regolament hija li l-appoġġ tekniku jiġi pprovdut bi tweġiba għal talba mill-Istat Membru kkonċernat li ssir fuq bażi volontarja. B'riżultat ta' dan, kull Stat Membru jiddeċiedi jekk hijiex meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni, fid-dawl tal-possibbiltajiet disponibbli fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali. L-implimentazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ tekniku marbuta mal-irkupru, ir-reżiljenza u l-konverġenza ekonomika u soċjali, u mat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri li jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni hija kwistjoni ta' interess komuni għall-Unjoni.

L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jieħu post l-SRSP attwali u barra minn hekk huwa parti mill-inizjattivi meħuda mill-Kummissjoni b'rispons għat-tifqigħa tal-pandemija COVID-19, biex tgħin lill-Istati Membri jtaffu l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali enormi. L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija għalhekk meħtieġa biex jinkiseb irkupru ekonomiku rapidu u robust fl-Unjoni. Dan l-għan ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom, filwaqt li l-intervent tal-Unjoni jista' jġib valur addizzjonali billi jistabbilixxi regolament li jistabbilixxi strument li joffri appoġġ tekniku msaħħaħ fir-rigward tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali li tant huma meħtieġa. Tali appoġġ jikkontribwixxi wkoll biex itaffi l-impatt soċjetali kkawżat mill-kriżi attwali ta' COVID-19.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità billi ma tmurx lil hinn mill-minimu meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan iddikjarat f'livell Ewropew u li huwa meħtieġ għal dan il-għan. Il-karattru volontarju ta' strument ta' appoġġ tekniku u n-natura konsenswali tal-kooperazzjoni matul il-proċess kollu jikkostitwixxu garanzija addizzjonali għar-rispett tal-prinċipju ta' proporzjonalità u għall-iżvilupp ta' fiduċja reċiproka u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

- **Għażla tal-istrument**

L-għanijiet deskritti fit-taqsimiet preċedenti ma jistgħux jinkisbu permezz ta' armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet, jew b'azzjoni volontarja mill-Istati Membri. Regolament biss jista' jippermetti l-ksib tagħhom. Regolament applikabbli għall-Istati Membri kollha huwa wkoll l-istrument legali l-aktar xieraq biex tiġi organizzata l-provvista ta' appoġġ tekniku bil-ħsieb li jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post / kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku huwa kontinwazzjoni tal-SRSP 2017-2020 eżistenti, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) 2017/825, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 2018/1671[6]. L-

[6] Ir-Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 129, 19.5.2017, p. 1-16, kif emendat bir-Regolament (UE) 2018/1671, ĠU L 284, 12.11.2018, p. 3-5 (ir-Regolament SRSP).

implimentazzjoni tal-SRSP bdiet bl-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2017[7] f'Settembru 2017 u kompliet bl-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma sussegwenti[8]. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament SRSP, il-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'rapporti ta' monitoraġġ annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Programm[9] u b'rapport ta' evalwazzjoni indipendenti ta' nofs it-terminu u *ex post*.

Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-rapport indipendenti ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, li għandu jiġi adottat dalwaqt mill-Kummissjoni, eżamina l-prestazzjoni tal-SRSP kontra l-kriterji ta' evalwazzjoni (rilevanza, effettività, effiċjenza, koerenza u valur miżjud tal-UE) u ġibed għadd ta' tagħlimiet. Minkejja li l-programm ġie adottat riċentament u ħafna proġetti ta' appoġġ tekniku għadhom fil-fażijiet inizjali tal-implimentazzjoni, is-sejbiet juru li l-SRSP miexi sew lejn il-kisba tal-għanijiet tiegħu. L-evalwazzjoni turi l-iktar li t-tfassil tal-SRSP huwa allinjat tajjeb mal-ħtiġijiet attwali tal-Istati Membri u jservi bħala strument xieraq għall-appoġġ tal-Istati Membri fit-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali tagħhom. Il-grad għoli ta' flessibbiltà u n-nuqqas ta' rekwiżiti ta' kofinanzjament jagħmluha possibbli li l-ħtiġijiet tal-Istati Membri jiġu tradotti f'azzjonijiet fattibbli bi skedi ta' żmien realistiċi u biex jintlaħqu l-aspettattivi tal-Istat Membru. Il-kondiviżjoni ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri ġiet ivvalutata wkoll bħala li għandha valur miżjud sinifikanti. Barra minn hekk, l-SRSP huwa integrat sew fil-proċess ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. Iċ-ċikli annwali tal-SRSP u s-Semestru Ewropew qed jikkontribwixxu b'mod adegwat għal xulxin, li jippermetti approċċ komprensiv u kkoordinat lejn ir-riformi strutturali fl-Istati Membri. Grad għoli ta' impenn mill-partijiet ikkonċernati kollha, livell għoli ta' għarfien espert tal-fornituri ta' appoġġ tekniku u ċirkostanzi politiċi favorevoli huma meqjusa fatturi li għandhom influwenza pożittiva fuq it-twettiq tal-eżiti tal-proġett tal-SRSP. In-nuqqas ta' kollaborazzjoni fost il-partijiet interessati u ċ-ċirkostanzi politiċi li qed jinbidlu jew li huma inċerti huma meqjusa li għandhom influwenza negattiva fuq l-implimentazzjoni b'suċċess ta' proġetti ta' appoġġ tekniku.

- **Konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza li titħejja l-proposta sabiex din tkun tista' tiġi adottata f'waqtha mill-koleġiżlaturi, ma setgħetx titwettaq konsultazzjoni formali mal-partijiet ikkonċernati. Il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati ġew ikkunsidrati wkoll matul il-proċess leġiżlattiv dwar il-proposta għall-Programm ta' Appoġġ għal Riformi.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura urġenti tal-proposta, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt ġdida. Din il-proposta għal regolament madankollu tibni fuq l-aktar test riċenti disponibbli tal-grupp ta' ħidma tal-Kunsill dwar il-proposta għal RSP fir-rigward tal-istrument ta' appoġġ tekniku li jinsabu fil-proposta għal RSP fir-rigward tal-istrument ta' appoġġ tekniku u hija konsistenti mal-abbozz ta' rapport konġunt tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew dwar l-istrument ta' appoġġ tekniku li jinsabu fil-proposta għal RSP, ippubblikata fit-20 ta' April 2020. Din il-proposta tissostitwixxi

[7] L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2017 u dwar il-finanzjament tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali u li tħassar id-Deċiżjoni C(2017)3093, 2017, C(2017)5780 final

[8] https://ec.europa.eu/info/publications/structural-reform-support-programme-financing-decisions-and-annual-work-programmes_en

[9] https://ec.europa.eu/info/publications/annual-monitoring-reports_en

parzjalment il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni għal RSP (COD …), li kienet ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt, li s-sejbiet ewlenin tagħha jibqgħu validi jekk kollox jibqa' l-istess.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta għandha effett pożittiv fuq il-preservazzjoni u l-iżvilupp tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni, jekk wieħed jassumi li l-Istati Membri jitolbu u jirċievu appoġġ f'oqsma relatati. Pereżempju, appoġġ f'oqsma bħas-swieq tax-xogħol u l-assigurazzjoni soċjali, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-ambjent, il-proprjetà, l-amministrazzjoni pubblika u s-sistema ġudizzjarja jistgħu jappoġġaw id-drittijiet fundamentali tal-Unjoni bħad-dinjità, il-libertà, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, id-drittijiet taċ-ċittadini u l-ġustizzja.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Istrument għall-Appoġġ Tekniku għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun ta' EUR 864 406 000 (fi prezzijiet attwali).

Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva tipprevedi l-ispjegazzjonijiet xierqa dwar il-pakkett finanzjarju.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Biex tiġi mmonitorjata l-prestazzjoni ta' dan ir-Regolament fit-twettiq tal-għanijiet tal-istrument ta' appoġġ tekniku, ġew identifikati xi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u se jinġabru perjodikament. Indikaturi speċifiċi tar-riżultati u tal-impatt se jiġu definiti b' rabta mal-proġetti konkreti, b'linji bażi u miri, biex jiġi mmonitorjat il-progress li sar lejn il-miri finali u biex jiġi evalwat l-impatt tar-riformi implimentati.

Se ssir evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u evalwazzjoni *ex post* bil-għan li jiġu vvalutati l-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza tal-istrument. L-evalwazzjonijiet se jitwettqu skont il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016[10]. L-evalwazzjonijiet se jinkludu l-lezzjonijiet li ttieħdu sabiex jiġu identifikati kwalunkwe nuqqasijiet u / jew problemi jew kwalunkwe potenzjal biex jittejbu l-azzjonijiet jew ir-riżultati tagħhom u biex jgħinu jiġi mmassimizzat l-impatt u l-esplojtazzjoni tagħhom.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tar-Regolament se titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tiegħu, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni. Mhux aktar tard minn tliet snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament, se ssir evalwazzjoni finali ex post mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, akkumpanjati mill-kummenti tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

[10] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1-14).

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Ir-Regolament jistabbilixxi l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, li se jappoġġa, b'miżuri tekniċi, lill-Istati Membri biex iwettqu riformi istituzzjonali, amministrattivi u li jsostnu t-tkabbir u li jtejbu r-reżiljenza (l-Artikolu 1).

L-għan ġenerali tal-istrument ta' appoġġ tekniku huwa li jippromwovi l-koeżjoni billi jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw ir-riformi meħtieġa biex jinkisbu l-irkupru ekonomiku u soċjali, ir-reżiljenza u l-konverġenza, u biex jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-istituzzjonijiet, il-governanza, l-amministrazzjoni pubblika, u s-setturi ekonomiċi u soċjali. (L-Artikolu 3)

Għanijiet speċifiċi tal-istrument huma stabbiliti (l-Artikolu 4) bħala li jassistu lill-awtoritajiet nazzjonali biex itejbu l-kapaċità tagħhom li jfasslu, jiżviluppaw u jimplimentaw riformi, inkluż permezz ta' skambju ta' prattiki tajba, proċessi u metodoloġiji xierqa u ġestjoni aktar effettiva u effiċjenti tar-riżorsi umani. Dawn għandhom jiġu segwiti f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati.

L-ambitu tal-applikazzjoni huwa firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika li jinkludu oqsma relatati mal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-assi, ir-riforma istituzzjonali u amministrattiva, l-ambjent tan-negozju, is-swieq tal-prodotti, tas-servizzi u tax-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-iżvilupp sostenibbli, is-saħħa pubblika, l-edukazzjoni u s-settur finanzjarju (l-Artikolu 5). Tingħata enfasi speċifika lil azzjonijiet li jrawmu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Il-pakkett finanzjarju ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Istrument għall-perjodu 2021-2027 se jkun ta' EUR 864 406 000 fi prezzijiet attwali (l-Artikolu 6). Minbarra dan il-pakkett finanzjarju, l-Istati Membri jistgħu jittrasferixxu fuq bażi volontarja, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament [suċċessur tas-CPR ][11], riżorsi ta' assistenza teknika taħt programmi ta' ġestjoni kondiviża għall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. Riżorsi trasferiti għandhom jiġu implimentati skont ir-regoli ta' dan l-istrument u għandhom jintużaw esklussivament għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat (l-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 10).

Il-proposti tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027 jistabbilixxu għan aktar ambizzjuż għall-integrazzjoni tal-klima fil-programmi kollha tal-UE, b'mira kumplessiva ta' 25 % tan-nefqa tal-UE tkun qed tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-klima. Il-kontribuzzjoni ta' dan l-istrument għall-kisba ta' din il-mira kumplessiva se tiġi mmonitorjata permezz ta' sistema ta' mmarkar tal-klima tal-UE f'livell xieraq ta' diżaggregazzjoni, inkluż l-użu ta' metodoloġiji aktar preċiżi meta dawn huma disponibbli (il-Premessa 10).

Jenħtieġ li l-istrument ta' Appoġġ Tekniku jappoġġa l-implimentazzjoni tar-riformi li jsostnu t-tkabbir u jsaħħu r-reżiljenza mwettqa bl-inizjattiva tal-Istati Membri, jew fil-kuntest ta' proċessi ta' governanza ekonomika jew azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u riformi fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' programmi ta' aġġustament ekonomiku. L-istrument jenħtieġ li jipprovdi wkoll appoġġ tekniku għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' riformi li jridu jitwettqu permezz tal-Faċilità l-ġdida għall-Irkupru u r-Reżiljenza (l-Artikolu 8).

---

[11] ĠU C , , p. .

Il-Kummissjoni se tanalizza t-talbiet għal appoġġ fuq il-bażi tal-urġenza, il-wisa' u l-profondità tal-problemi identifikati, tappoġġa l-bżonnijiet fir-rigward tal-qasam ta' politika kkonċernat, analiżi tal-indikaturi soċjoekonomiċi u l-kapaċità amministrattiva ġenerali tal-Istat Membru. Fuq il-bażi ta' dik l-analiżi u filwaqt li jitqiesu l-miżuri u l-azzjonijiet eżistenti ffinanzjati minn fondi oħra tal-Unjoni jew programmi tal-Unjoni, il-Kummissjoni se tilħaq ftehim mal-Istat Membru dwar l-oqsma ta' prijorità għal appoġġ, għanijiet, skeda ta' żmien indikattiva, ambitu tal-miżuri ta' appoġġ li se jiġu pprovduti u l-kontribuzzjoni finanzjarja globali stmata, li trid tiġi stabbilita fi pjan ta' kooperazzjoni u appoġġ (l-Artikolu 8).

It-tipi ta' azzjonijiet eliġibbli għall-finanzjament permezz tal-Istrument tal-Appoġġ Tekniku se jinkludu, fost l-oħrajn, kompetenza relatata mal-konsulenza politika u / jew bidla, formulazzjoni ta' strateġiji u pjanijiet direzzjonali ta' riforma, kif ukoll riformi leġiżlattivi, istituzzjonali, strutturali u amministrattivi; il-provvista ta' esperti, fosthom esperti residenti; bini tal-kapaċità u azzjonijiet ta' appoġġ relatati fil-livelli kollha ta' governanza, li jikkontribwixxu wkoll għat-tisħiħ tas-soċjetà ċivili (l-Artikolu 7). L-azzjonijiet iffinanzjati permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jistgħu jirċievu appoġġ minn programmi, strumenti jew fondi oħra tal-Unjoni permezz tal-baġit tal-Unjoni sakemm dan l-appoġġ ma jkoprix l-istess kost (l-Artikolu 11).

Il-Kummissjoni se tadotta programmi ta' ħidma sabiex timplimenta l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li jistabbilixxu l-miżuri għall-għoti ta' appoġġ tekniku u l-elementi kollha meħtieġa skont ir-Regolament Finanzjarju[12] (l-Artikolu 12).

Isiru dispożizzjonijiet dwar attivitajiet ta' komunikazzjoni fir-rigward tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew u fir-rigward tal-pubbliku ġenerali huma stabbiliti għad-diversi strumenti (l-Artikoli 9 u 17) kif ukoll dispożizzjonijiet dwar il-komplementarjetà (l-Artikolu 13), il-monitoraġġ (l-Artikolu 14), ir-rapporti annwali (l-Artikolu 15) u l-evalwazzjoni (l-Artikolu 16).

[12] ĠU C , , p. .

2020/0103 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 u l-Artikolu 197(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Skont l-Artikoli 120 u 121 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat"), l-Istati Membri huma meħtieġa jwettqu l-politiki ekonomiċi tagħhom bil-ħsieb li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni u fil-kuntest tal-linji gwida ġenerali li l-Kunsill jifformula. Skont l-Artikolu 148 tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw politiki dwar l-impjiegi li jqisu l-linji gwida għall-impjieg. Il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri hija għalhekk kwistjoni ta' tħassib komuni.

(2) L-Artikolu 175 tat-Trattat jipprevedi, fost l-oħrajn, li l-Istati Membri jenħtieġ jikkoordinaw il-politiki ekonomiċi tagħhom b'tali mod li jiksbu l-għanijiet dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali stabbiliti fl-Artikolu 174.

(3) It-tifqigħa tal-pandemija COVID-19 fil-bidu tal-2020 bidlet il-perspettiva ekonomika għas-snin li ġejjin fl-UE u fid-dinja. Fl-Unjoni, tfaċċaw prijoritajiet ġodda, marbuta mal-kriżi, li jiffokaw speċifikament fuq l-irkupru u r-reżiljenza. Huma jeħtieġu reazzjoni urġenti u kkoordinata mill-Unjoni sabiex tlaħħaq mal-konsegwenzi ekonomiċi għall-Istati Membri kif ukoll biex jittaffew l-effetti negattivi soċjali u ekonomiċi. Il-pandemija preżenti tal-COVID-19 kif ukoll il-kriżi ekonomika u finanzjarja preċedenti wrew li l-iżvilupp ta' ekonomiji u sistemi finanzjarji sodi u reżiljenti mibnija fuq strutturi ekonomiċi u soċjali b'saħħithom jgħin lill-Istati Membri jirreaġixxu b'mod aktar effiċjenti għax-xokkijiet u jirkupraw minnhom aktar malajr. Għalhekk, ir-riformi li jsaħħu t-tkabbir u l-investimenti biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet strutturali tal-ekonomiji u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom, se jkunu essenzjali biex l-ekonomiji u s-soċjetajiet jiġu jerġgħu jaqbdu t-triq lejn irkupru sostenibbli u jegħlbu d-diverġenzi ekonomiċi, soċjali u territorjali fl-Unjoni.

[1] ĠU C , , p. .
[2] ĠU C , , p. .

(4) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas biex jiġu identifikati l-prijoritajiet nazzjonali ta' riforma u biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji ta' investiment multiannwali nazzjonali tagħhom stess b'sostenn għal dawn il-prijoritajiet tar-riforma. Dawk l-istrateġiji huma ppreżentati flimkien mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma annwali bħala mod biex jippreżentaw u jikkoordinaw prijoritajie biex jiġu appoġġati minn finanzjament nazzjonali u / jew tal-Unjoni. Jenħtieġ li jservu wkoll biex il-finanzjament tal-Unjoni jintuża b'mod koerenti u biex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jasal, b'mod partikolari mill-programmi appoġġati mill-Unjoni permezz tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni, u minn programmi oħra.

(5) Ir-Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] stabbilixxa l-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (Structural Reform Support Programme, SRSP) għall-perjodu mill-2017 sal-2020, b'baġit ta' EUR 142 800 000. L-SRSP ġie stabbilit biex issaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri biex iħejju u jimplimentaw riformi amministrattivi u strutturali li jsostnu t-tkabbir, fosthompermezz ta' għajnuna għall-użu effiċjenti u effettiv tal-fondi tal-Unjoni. L-appoġġ tekniku taħt dan il-programm huwa pprovdut mill-Kummissjoni, b'talba minn Stat Membru, u jista' jkopri firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika. Dan ir-Regolament huwa mfassal bħala kontinwazzjoni ta' dak il-programm li l-Istati Membri rċevew b'mod pożittiv.

(6) L-Istati Membri bdew dejjem aktar jieħdu appoġġ tekniku bl-SRSP fil-passat għaldaqstant, permezz ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġi stabbilit strument ta' appoġġ tekniku bil-għan li jkompli jappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-riformi.

(7) B'riflessjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala l-istrateġija tat-tkabbir tal-Ewropa u t-traduzzjoni tal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta il-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan l-istrument ta' appoġġ tekniku se jikkontribwixxi biex jiġu integrati l-azzjonijiet klimatiċi u biex tinkiseb il-mira ġenerali li 25 % tan-nefqa tal-baġit tal-UE tkun tappoġġa objettivi klimatiċi. Jenħtieġ li jiġu identifikati l-azzjonijiet rilevanti matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-istrument, u vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-proċessi tal-evalwazzjonijiet u ta' rieżami rilevanti. Dan jenħtieġ li jindirizza wkoll sfidi ambjentali u soċjali usa' fi ħdan l-Unjoni, inkluża l-protezzjoni tal-kapital naturali u l-appoġġ għall-ekonomija ċirkolari u jkun f'konformità mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

(8) L-objettiv ġenerali tal-istrument ta' appoġġ tekniku jenħtieġ li jkun li jippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw riformi meħtieġa biex jintlaħaq l-irkupru ekonomiku u soċjali, ir-reżiljenza u l-konverġenza. Għal dan l-iskop, jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri biex jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni fir-rigward tal-isfidi ffaċċjati mill-istituzzjonijiet, mill-governanza, mill-amministrazzjoni pubblika, u mis-setturi ekonomiċi u soċjali.

(9) L-objettivi speċifiċi tal-istrument ta' appoġġ tekniku jenħtieġ li jikkonsistu fl-assistenza lill-awtoritajiet nazzjonali fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-kapaċità amministrattiva tagħhom biex ifasslu, jiżviluppaw u jimplimentaw riformi, inkluż

[3] Ir-Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għall-periodu mill-2017 sal-2020 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 (UE) Nru 1305/2013 (ĠU L 129, 19.5.2017, p. 1).

permezz ta' skambju ta' prattiki tajbin, proċessi u metodoloġiji xierqa u ġestjoni tar-riżorsi umani aktar effettivai u effiċjenta.

(10) Bil-ħsieb li l-Istati Membri jiġu megħjuna jindirizzaw il-ħtiġijiet tar-riformi fl-oqsma kollha ekonomiċi u soċjetali essenzjali, jenħtieġ li jissokta l-appoġġ tekniku pprovdut mill-Kummissjoni, fuq talba minn Stat Membru, f'firxa wiesgħa ta' oqsma politiċi, li jinkludu oqsma relatati mal-ġestjoni tal-finanzi u tal-assi pubbliċi, ir-riforma istituzzjonali u amministrattiva, l-ambjent tan-negozju, is-settur finanzjarju, is-swieq tal-prodotti, tas-servizzi u tax-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-iżvilupp sostenibbli, is-saħħa pubblika u il-benessri soċjali. Jenħtieġ li tingħata enfasi speċifika lill-azzjonijiet li jrawmu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

(11) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, li se jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, fis-sens tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[4], għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.

(12) Sabiex jilqgħu għal ħtiġijiet addizzjonali permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà jittrasferixxu għall-baġit ta' dan l-istrument ir-riżorsi programmati f'ġestjoni kondiviża taħt il-fondi tal-Unjoni, skont il-proċedura tagħhom. Ir-riżorsi trasferiti jenħtieġ li jiġu implimentati skont ir-regoli ta' dan l-istrument u jenħtieġ li jintużaw esklużivament għall-benefiċċju tal-Istat Membru konċernat. Il-Kummissjoni jenħtieġ litipprovdi feedback lill-Istat Membru kkonċernat dwar l-użu tal-kontribuzzjonijiet volontarji addizzjonali.

(13) L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jenħtieġ li jiġi pprovdut wara talba għal dan, sabiex jappoġġa l-implimentazzjoni tar-riformi mwettqa bl-inizjattiva tal-Istati Membri, riformi fil-kuntest ta' proċessi ta' governanza ekonomika jew azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u riformi fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' programmi ta' aġġustament ekonomiku. Jenħtieġ li jipprovdi wkoll appoġġ tekniku għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjaniiet ta' rkupru li jridu jitwettqu skont ir-Regolament (UE) Nru YYY/XX.

(14) F'konformità mar-regoli u l-prattika diġà eżistenti fil-programm preċedenti, jenħtieġ li jiġi stabbilit proċess ħafif għall-preżentazzjoni ta' talbiet għal appoġġ tekniku. Għal din ir-raġuni, it-talbiet mill-Istati Membri jenħtieġ li jiġu ppreżentati sal-31 ta' Ottubru tas-sena kalendarja. B'rispett għall-prinċipju ġenerali ta' trattament ugwali, ġestjoni finanzjarja soda u trasparenza, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji xierqa għall-analiżi tat-talbiet tal-Istati Membri. Dawn il-kriterji jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-urġenza, is-severità u l-firxa tal-problemi, kif ukoll fuq il-ħtiġijiet ta' appoġġ identifikati fir-rigward tal-oqsma ta' politika fejn huwa previst l-appoġġ tekniku.

(15) Jenħtieġ li jiġi speċifikat ukoll il-kontenut tal-pjanijiet ta' kooperazzjoni u appoġġ li jagħti dettalji dwar il-miżuri għall-għoti ta' appoġġ tekniku lill-Istati Membri. Għal dan il-għan, il-miżuri ta' appoġġ tekniku previsti u l-kontribuzzjoni finanzjarja globali stmata relatata jenħtieġ li jqisu l-azzjonijiet u l-attivitajiet iffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni jew mill-programmi tal-Unjoni.

---

[4] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1-14)

(16) Għall-finijiet ta' responsabbiltà, trasparenza u biex tkun żgurata l-viżibbiltà tal-azzjoni tal-Unjoni, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet li jipproteġu informazzjoni sensittiva, jenħtieġ li l-pjanijiet ta' kooperazzjoni u appoġġ jiġu pprovduti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u jenħtieġ li jitwettqu attivitajiet ta' komunikazzjoni mill-Kummissjoni kif xieraq.

(17) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, b'mod partikolari l-modi ta' ġestjoni, il-forom ta' finanzjament għall-miżuri ta' appoġġ tekniku u l-kontenut tal-programmi ta' ħidma, li jenħtieġ li jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Fid-dawl tal-importanza li jiġu sostnuti l-isforzi tal-Istati Membri fis-segwiment u l-implimentazzjoni tar-riformi, huwa meħtieġ li tiġi permessa rata ta' kofinanzjament għal għotjiet sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli. Sabiex ikun hemm mobilizzazzjoni rapida ta' appoġġ tekniku f'każ ta' urġenza, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għall-adozzjoni ta' miżuri speċjali għal perjodu ta' żmien limitat. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jitwarrab ammont limitat tal-baġit fil-programm ta' ħidma tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku għal miżuri speċjali.

(18) Sabiex tiġi żgurata allokazzjoni effiċjenti u koerenti ta' fondi mill-baġit tal-Unjoni u biex jiġi rrispettat il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda, l-azzjonijiet b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu konsistenti u komplementari mal-programmi attwali tal-Unjoni, filwaqt li jevitaw finanzjament doppju għall-istess nefqa. B'mod partikolari, fl-istadji kollha tal-proċess, il-Kummissjoni u l-Istat Membru jenħtieġ li jiżguraw koordinazzjoni effettiva sabiex jissalvagwardjaw il-konsistenza, il-komplementarjetà u s-sinerġija bejn is-sorsi ta' finanzjament, inkluża l-assistenza teknika tagħhom.

(19) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta’ April 2016, hemm il-ħtieġa li jiġi evalwat l-istrument stabbilit permezz ta’ dan ir-Regolament fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta’ rekwiżiti speċifiċi ta’ monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati regolamentazzjoni u piżijiet amministrattivi żejda, b’mod partikolari għall-Istati Membri. Dawn ir-rekwiżiti, jekk xieraq, jenħtieġ li jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-istrument fil-post.

(20) Hu opportun li l-Kummissjoni tipprovdi rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament. Jenħtieġ li titwettaq evalwazzjoni indipendenti ta' nofs it-terminu li tħares lejn il-kisba tal-objettivi tal-istrument stabbilit permezz ta’ dan ir-Regolament, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi tiegħu u l-valur miżjud tiegħu. Barra minn hekk, evalwazzjoni indipendenti *ex post* jenħtieġ li tittratta l-impatt fit-tul tal-istrument.

(21) Jenħtieħ li jiġu stabbiliti l-programmi ta’ ħidma għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tekniku. Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta’ implimentazzjoni. Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament (UE Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament Finanzjarju)[5] u jiddeterminaw b’mod partikolari l-

[5] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet, implimentazzjoni indiretta, u jipprovdu għal verifiki dwar ir-responsabilità tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, peress li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prekundizzjoni essenzjali għal ġestjoni finanzjarja soda u effettiva tal-fondi tal-UE.

(22) Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95[7], u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[8] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[9], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fil-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10]. Skont ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kwalunkwe terza persuna involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

(23) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri iżda jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

(24) Dan ir-Regolament jenħtieġ li la jaffettwa l-kontinwazzjoni u lanqas il-modifika tal-miżuri ta' appoġġ approvati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 2017/825 jew kwalunkwe att ieħor tal-Unjoni li japplika għal dik l-assistenza fil-

---

6 Ir-Regolament (UE, Euratom ) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999, (ĠU L248, 18.9.2013, p. 1)

7 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p.1).

8 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fil-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L292,15.11.96, p. 2).

9 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE") (ĠU L283, 31.10.2017, p.1)

10 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29)

31 ta' Diċembru 2020. Il-miżuri approvati skont ir-Regolament (UE) Nru 2017/825 għalhekk jenħtieġ li jibqgħu validi. Għal dak il-għan, jenħtieġ li tiġi stabbilita wkoll dispożizzjoni tranżizzjonali.

(25) Sabiex tiġi permessa l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I

## Dispożizzjonijiet ġenerali

*Artikolu 1*
*Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku ("l-istrument").

Jistabbilixxi l-għanijiet tal-istrument, il-baġit għall-perjodu 2021 – 2027, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' dan it-tip ta' finanzjament.

*Artikolu 2*
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "appoġġ tekniku" tfisser miżuri li jgħinu lill-Istati Membri jwettqu riformi istituzzjonali, amministrattivi u li jsostnu t-tkabbir u jtejbu r-reżiljenza;

(2) "awtorità nazzjonali" tfisser awtorità pubblika waħda jew aktar fil-livell tal-gvern, inkluż awtoritajiet pubbliċi f'livelli reġjonali u lokali, kif ukoll organizzazzjonijiet ta' Stati Membri fis-sens tal-Artikolu 2(42) tar-Regolament Finanzjarj, li tikkoopera fi spirtu ta' sħubija skont il-qafas istituzzjonali u ġuridiku tal-Istati Membri;

(3) "fondi tal-Unjoni" tfisser il-fondi koperti mir-Regolament (UE) Nru YYY/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [is-suċċessur CPR][11];

(4) "organizzazzjoni internazzjonali" tfisser organizzazzjonijiet fis-sens tal-Artikolu 156 tar-Regolament Finanzjarju, u organizzazzjonijiet assimilati ma' xi organizzazzjoni internazzjonali bħal din skont dak l-Artikolu.

*Artikolu 3*
*Objettiv ġenerali*

L-objettiv ġenerali tal-istrument għandu jkun li jippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw ir-riformi meħtieġa biex jiksbu l-irkupru ekonomiku u soċjali, ir-reżiljenza u l-konverġenza, u billi jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex isaħħu l-kapaċità amministrattiva tagħhom li

[11] ĠU C , , p. .

jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-isfidi li jikkonfrontaw l-istituzzjonijiet, il-governanza, l-amministrazzjoni pubblika, u s-setturi ekonomiċi u soċjali.

*Artikolu 4*
*Objettivi speċifiċi*

Sabiex jinkiseb l-objettiv ġenerali stipulat fl-Artikolu 3, l-istrument għandu jkollu l-objettivi speċifiċi li jassisti lill-awtoritajiet nazzjonali biex itejbu l-kapaċità amministrattiva tagħhom li jfasslu, jiżviluppaw u jimplimentaw riformi, inkluż permezz ta' skambju ta' prattiki tajbin, proċessi u metodoloġiji xierqa u ġestjoni aktar effettiva u effiċjenti tar-riżorsi umani. Dawn l-objettivi speċifiċi għandhom jiġu segwiti f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati.

*Artikolu 5*
*Kamp ta' applikazzjoni*

L-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4 għandhom jirreferu għall-oqsma ta' politika relatati mal-koeżjoni, il-kompetittività, l-edukazzjoni, il-produttività, ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-tkabbir intelliġenti, ġust, sostenibbli u inklużiv, l-impjiegi u l-investiment, b'enfasi speċifika fuq azzjonijiet li jiffavorixxu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u b'mod partikolari fuq wieħed minn dawn li ġejjin jew aktar:

(a) il-ġestjoni tal-finanzi u tal-assi pubbliċi, il-proċess baġitarju, il-qafas makrofiskali, il-ġestjoni tad-dejn u tal-flus, il-politika tal-infiq u tat-tassazzjoni, il-konformità mar-regoli tat-taxxa, il-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, il-frodi u l-evażjoni tat-taxxa u l-amministrazzjoni tad-dħul u l-unjoni doganali;

(b) ir-riforma istituzzjonali u l-funzjonament effiċjenti u orjentat lejn is-servizzi tal-amministrazzjoni pubblika u tal-gvern elettroniku, inkluż fejn xieraq, permezz tas-simplifikazzjoni tar-regoli, stat tad-dritt effettiv, ir-riforma tas-sistemi ġudizzjarji u t-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus;

(c) l-ambjent tan-negozju, inkluż għall-impriżi żgħar u medji u l-impriżi soċjali, l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid, l-iżvilupp tas-settur privat, is-swieq tal-prodotti u tas-servizzi, l-investiment, il-parteċipazzjoni pubblika fl-impriżi, il-proċessi ta' privatizzazzjoni, il-kummerċ u l-investiment dirett barrani, il-kompetizzjoni u l-akkwist pubbliku, l-iżvilupp settorjali sostenibbli u s-sostenn għar-riċerka u l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni;

(d) l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-politiki tas-suq tax-xogħol, fosthom id-djalogu soċjali, għall-ħolqien tal-impjiegi, it-taħriġ ta' aġġornament u t-taħriġ mill-ġdid, b'mod partikolari fil-kompetenzi diġitali, il-litteriżmu medjatiku, iċ-ċittadinanza attiva, il-ġlieda kontra l-faqar u l-inugwaljanza eċċessiva fl-introjtu, l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, sistemi tas-sigurtà soċjali u tal-assistenza soċjali li huma adegwati u inklużivi, sistemi tas-saħħa pubblika u tal-kura tas-saħħa li huma aċċessibbli u affordabbli, kif ukoll il-politiki li jirrigwardaw il-koeżjoni, l-ażil, il-migrazzjoni u l-fruntieri;

(e) il-politiki għall-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika, is-soluzzjonijiet tal-gvern elettroniku, l-akkwist elettroniku, il-konnettività, l-aċċess għad-*data* u l-governanza, it-tagħlim online, l-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-Intelliġenza Artifiċjali, il-pilastru ambjentali tal-iżvilupp

sostenibbli u l-protezzjoni ambjentali, l-azzjoni klimatika, il-mobbiltà, il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari,_l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi, is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-ksib tad-diversifikazzjoni tal-enerġija u l-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija, u għas-settur agrikolu, il-protezzjoni tal-ħamrija u tal-bijodiversità, is-sajd u l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali; kif ukoll

(f) il-politiki tas-settur finanzjarju, inklużi: il-promozzjoni tal-litteriżmu finanzjarju, l-istabbiltà finanzjarja, l-aċċess għall-finanzi u s-self lill-ekonomija reali; u l-produzzjoni, il-provvista u l-monitoraġġ tal-kwalità tad-*data* u tal-istatistika.

*Artikolu 6*
*Baġit*

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-istrument għall-perjodu 2021-2027 għandu jkun ta’ EUR 864 406 000 fi prezzijiet kurrenti.

2. Il-pakkett finanzjarju tal-istrument jista’ jkopri wkoll spejjeż li jirrigwardaw attivitajiet ta’ tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni, li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-istrument u r-realizzazzjoni tal-objettivi tiegħu, b’mod partikolari studji, laqgħat tal-esperti, azzjonijiet ta’ informazzjoni u komunikazzjoni, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, kemm-il darba jkunu marbuta mal-objettivi ta' dan ir-Regolament, l-ispejjeż marbuta man-networks tal-IT li jikkonċentraw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta’ informazzjoni, inklużi l-għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, u l-ispejjeż l-oħra kollha tal-assistenza teknika u amministrattiva li tagħmel il-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-istrument. L-ispejjeż jistgħu jkopru wkoll il-kostijiet ta' attivitajiet oħra ta' sostenn bħall-kontroll tal-kwalità u l-monitoraġġ ta' proġetti ta' appoġġ tekniku fil-post u l-kostijiet tal-konsulenza bejn il-pari u l-esperti għall-valutazzjoni u l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali.

3. Meta jitolbu dan, ir-riżorsi allokati għall-Istati Membri b’ġestjoni kondiviża jistgħu jiġu trasferiti għall-istrument. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawn ir-riżorsi direttament f’konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament f’konformità mal-punt (c) ta' dak l-Artikolu. Dawn ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istati Membru kkonċernat.

# KAPITOLU II

# Appoġġ tekniku

*Artikolu 7*
*Azzjonijiet eliġibbli għal appoġġ tekniku*

Skont l-objettivi stipulati fl-Artikoli 3 u 4, l-istrument għandu jiffinanzja b'mod partikolari dawn it-tipi ta' azzjonijiet:

(a) l-għarfien espert relatat mal-konsulenza dwar il-politika, mat-tibdil fil-politika, mal-formulazzjoni ta' strateġiji u pjanijiet direzzjonali ta' riforma, kif ukoll mar-riformi leġiżlattivi, istituzzjonali, strutturali u amministrattivi;

(b) il-provvista fi żmien qasir jew twil ta' esperti, inklużi esperti residenti, biex iwettqu kompiti f'oqsma speċifiċi jew biex iwettqu attivitajiet operazzjonali, fejn meħtieġ b'interpretazzjoni, traduzzjoni u sostenn ta' kooperazzjoni, assistenza amministrattiva u kif ukoll faċilitajiet ta' infrastruttura u tagħmir;

(c) il-bini ta' kapaċità istituzzjonali, amministrattiva jew settorjali u l-azzjonijiet ta' sostenn relatati fil-livelli kollha ta' governanza, anki billi jikkontribwixxu, b'mod partikolari, għall-awtonomizzazzjoni tas-soċjetà ċivili, inklużi s-sħab soċjali, kif xieraq:

(i) seminars, konferenzi u workshops;

(ii) żjarat ta' ħidma fi Stati Membri jew pajjiżi terzi rilevanti biex l-uffiċjali jkunu jistgħu jiksbu jew iżidu l-għarfien espert jew l-għarfien tagħhom fi kwistjonijiet rilevanti;

(iii) azzjonijiet ta' taħriġ u l-iżvilupp ta' moduli ta' taħriġ online jew oħrajn b'sostenn għall-kompetenzi u l-għarfien professjonali neċessarji relatati mar-riformi rilevanti;

(d) il-ġbir ta' *data* u statistika, l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, indikaturi jew punti ta' riferiment;

(e) l-organizzazzjoni ta' sostenn operazzjonali lokali f'oqsma bħall-ażil, il-migrazzjoni u l-kontroll tal-fruntieri;

(f) il-bini tal-kapaċità tal-IT, inkluż għarfien espert relatat mal-iżvilupp, il-manutenzjoni, it-tħaddim u l-kontroll tal-kwalità tal-infrastruttura tal-IT u l-applikazzjonijiet meħtieġa biex jimplimentaw ir-riformi rilevanti, kif ukoll l-għarfien espert relatat ma' programmi mmirati lejn id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi;

(g) studji, riċerka, analiżijiet u stħarriġ, evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt u l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv;

(h) proġetti ta' komunikazzjoni għal tagħlim, inkluż it-tagħlim online, kooperazzjoni, sensibilizzazzjoni, attivitajiet ta' disseminazzjoni u skambju ta' prattiki tajba; l-organizzazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni, kampanji u avvenimenti medjatiċi, inklużi l-komunikazzjoni korporattiva kif ukoll, fejn xieraq, il-komunikazzjoni permezz tan-networks soċjali;

(i) il-kumpilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' materjali għat-tixrid ta' informazzjoni u tar-riżultati tal-appoġġ tekniku li jingħata permezz tal-istrument, inkluż permezz tal-iżvilupp, it-tħaddim u l-manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni; kif ukoll

(j) kull attività rilevanti oħra ta' sostenn għall-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4.

*Artikolu 8*
*Talbiet għal appoġġ tekniku*

1. Stat Membru li jkun jixtieq jirċievi appoġġ tekniku skont dan l-istrument għandu jippreżenta talba għal appoġġ tekniku lill-Kummissjoni, u jidentifika l-oqsma ta' politika u l-prijoritajiet għall-appoġġ fl-ambitu kif stabbilit fl-Artikolu 5. Dawn it-talbiet għandhom jiġu ppreżentati sal-31 ta' Ottubru ta' sena kalendarja. Il-

Kummissjoni tista' tipprovdi gwida dwar l-elementi ewlenin li għandhom jiġu inklużi fit-talba għal sostenn.

2. L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw talba għal appoġġ tekniku fiċ-ċirkostanzi segwenti marbuta ma':

(a) l-implimentazzjoni tar-riformi mill-Istati Membri, imwettqa fuq inizjattiva proprja, b'mod partikolari b'sostenn għall-irkupru [f'konformità mar-Regolament (UE) Nru YYY/XX], biex jinkiseb tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi u tissaħħaħ ir-reżiljenza;

(b) l-implimentazzjoni ta' programmi ta' aġġustament ekonomiku għall-Istati Membri li jirċievu assistenza finanzjarja mill-Unjoni skont strumenti eżistenti, b'mod partikolari f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] fir-rigward tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002[13] fir-rigward ta' Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro;

(c) l-implimentazzjoni ta' riformi li jsostnu t-tkabbir u jsaħħu r-reżiljenza fil-kuntest ta' proċessi tal-governanza ekonomika, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew jew azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni;

(d) it-tħejjija ta' pjanijiet ta' rkupru u ta' reżiljenza skont ir-Regolament (UE) Nru YYY/XX u l-implimentazzjoni tiegħu mwettqa mill-Istati Membri;

3. Filwaqt li tqis il-prinċipji ta' trasparenza, trattament ugwali u ġestjoni finanzjarja soda, u wara djalogu mal-Istat Membru, inkluż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għandha tanalizza t-talba għal sostenn imsemmija fil-paragrafu 1 fuq il-bażi tal-urġenza, id-dimensjoni tal-problemi identifikati, il-ħtiġijiet ta' sostenn fir-rigward tal-oqsma ta' politika konċernati, analiżi tal-indikaturi soċjoekonomiċi u l-kapaċità amministrattiva ġenerali tal-Istat Membru.

Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, u filwaqt li tqis l-azzjonijiet u l-miżuri eżistenti ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni jew programmi oħra tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tilħaq ftehim mal-Istat Membru konċernat dwar l-oqsma ta' prijorità għall-appoġġ, l-objettivi, skeda ta' żmien indikattiva, l-ambitu tal-miżuri ta' appoġġ li għandhom jiġu pprovduti u l-kontribuzzjoni finanzjarja kumplessiva stmata għal appoġġ tekniku bħal dan, li għandha tiġi stabbilita f'pjan ta' kooperazzjoni u appoġġ.

4. Il-pjan ta' kooperazzjoni u appoġġ imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jidentifika, b'mod separat minn appoġġ tekniku ieħor, il-miżuri marbuta mal-pjanijiet ta' rkupru u ta' reżiljenza għall-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru YYY/XX.

[12] Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1).

[13] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

*Artikolu 9*
*Informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u komunikazzjoni dwar il-pjanijiet ta' kooperazzjoni u sostenn*

1. Il-Kummissjoni għandha tibgħat, bil-kunsens tal-Istat Membru kkonċernat, il-pjan ta' kooperazzjoni u sostenn lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mingħajr dewmien bla bżonn. L-Istat Membru kkonċernat jista' jirrifjuta li jagħti tali kunsens f'każ ta' informazzjoni sensittiva jew kunfidenzjali, li d-divulgazzjoni tagħha tista' tipperikola l-interessi pubbliċi tal-Istat Membru.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tibgħat il-pjan ta' kooperazzjoni u sostenn lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

   (a) malli l-Istat Membru konċernat ikun neħħa l-informazzjoni sensittiva jew kunfidenzjali kollha, li d-divulgazzjoni tagħha tipperikola l-interessi pubbliċi tal-Istat Membru;

   (b) wara żmien raġonevoli, meta d-divulgazzjoni tal-informazzjoni rilevanti ma tkunx affettwat ħażin l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' sostenn, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn xahrejn wara li jitwettqu tali miżuri skont il-pjan ta' kooperazzjoni u sostenn.

3. Il-Kummissjoni tista' tipparteċipa f'attivitajiet ta' komunikazzjoni biex tiżgura l-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni għall-miżuri ta' sostenn previsti fil-pjanijiet ta' kooperazzjoni u sostenn, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni konġunti mal-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati.

*Artikolu 10*
*Trasferimenti ta' riżorsi għall-istrument*

1. Minbarra l-pakkett finanzjarju stabbilit fl-Artikolu 6(1), il-baġit ta' appoġġ tekniku jista' jiġi ffinanzjat permezz ta' trasferimenti volontarji mill-Istati Membri magħmula f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament [is-suċċessur RDK], u skont il-proċedura stabbilita f'dak l-Artikolu, kif imsemmi fl-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament.

2. Trasferiment magħmul minn Stat Membru f'konformità mal-paragrafu 1 għandu jintuża esklużivament f'dak l-Istat Membru.

*Artikolu 11*
*Finanzjament komplementari*

L-azzjonijiet finanzjati skont l-istrument jistgħu jirċievu sostenn minn programmi, strumenti jew fondi oħra tal-Unjoni fil-kuntest tal-baġit tal-Unjoni sakemm dan is-sostenn ma jkoprix l-istess spejjeż.

*Artikolu 12*
*Implimentazzjoni ta' appoġġ tekniku*

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-istrument f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

2. Il-miżuri tal-istrument jistgħu jiġu implimentati direttament mill-Kummissjoni jew, indirettament minn entitajiet u persuni li mhumiex Stati Membri f'konformità mal-

Artikolu XX tar-Regolament Finanzjarju. B'mod partikolari, is-sostenn finanzjarju tal-Unjoni għal azzjonijiet skont l-Artikolu 7 għandu jieħu l-forma ta':

(a) sovvenzjonijiet;

(b) kuntratti ta' akkwist pubbliku;

(c) rimborż tal-ispejjeż li jġarrbu l-esperti esterni, inklużi l-esperti minn awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali fl-Istati Membri li jipprovdu jew jirċievu sostenn;

(d) kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji, stabbiliti minn organizzazzjonijiet internazzjonali; kif ukoll

(e) azzjonijiet imwettqa permezz ta' ġestjoni indiretta.

3. Jistgħu jingħataw sovvenzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, lill-grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment, lil organizzazzjonijiet internazzjonali, lil korpi pubbliċi jew privati u lil entitajiet legalment stabbiliti fi:

(a) Stati Membri;

(b) il-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih.

Ir-rata ta' kofinanzjament tas-sovvenzjonijiet għandha tkun sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

4. Miżuri ta' appoġġ tekniku jistgħu jingħataw bil-kooperazzjoni ta' entitajiet ta' Stati Membri oħra u organizzazzjonijiet internazzjonali.

5. L-appoġġ tekniku jista' jingħata wkoll minn esperti individwali, li jistgħu jiġu mistiedna jikkontribwixxu għal attivitajiet organizzati kull meta dan ikun meħtieġ biex jitlaħqu l-objettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 4.

6. Sabiex timplimenta l-appoġġ tekniku, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dan.

Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu l-allokazzjoni għall-istrument. Dawn għandhom jistabbilixxu wkoll il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom, f'konformità mal-objettivi ġenerali u speċifiċi msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-Regolament, il-kriterji għas-selezzjoni u għall-aġġudikazzjoni tas-sovvenzjonijiet, u l-elementi kollha meħtieġa mir-Regolament Finanzjarju.

7. Sabiex tkun żgurata disponibbiltà f'waqtha ta' riżorsi, parti limitata tal-programm ta' ħidma għandha tkun riservata għal miżuri speċjali fil-każ ta' raġunijiet ta' urġenza mhux previsti u debitament ġustifikati li jenħtieġu rispons immedjat, inkluż tfixkil serju fl-ekonomija jew ċirkostanzi sinifikanti li jaffettwaw b'mod serju l-kundizzjonijiet ekonomiċi jew soċjali fi Stat Membru li jmorru lil hinn mill-kontroll tiegħu.

Il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' Stat Membru li jixtieq jirċievi appoġġ tekniku, tadotta miżuri speċjali skont l-objettivi u l-azzjonijiet definiti fl-istrument biex tipprovdi appoġġ tekniku lill-awtoritajiet nazzjonali meta jindirizzaw ħtiġijiet urġenti. Dawn il-miżuri speċjali għandhom ikunu *interim* fin-natura tagħhom, u għandhom marbuta maċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 8(2). Il-miżuri speċjali

għandhom jintemmu fi żmien sitt xhur u jistgħu jiġu sostitwiti b'miżuri ta' appoġġ tekniku skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8.

# KAPITOLU III

## Komplementarjetà, monitoraġġ u evalwazzjoni

*Artikolu 13*
*Koordinazzjoni u komplementarjetà*

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom, f'miżura proporzjonata għar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, irawmu sinerġiji u jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn l-istrument ta’ appoġġ tekniku u programmi u strumenti oħra tal-Unjoni, u b'mod partikolari ma' miżuri ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni. Għal dan il-għan, dawn għandhom:

(a) jiżguraw il-komplementarjetà, is-sinerġija, il-koerenza u l-konsistenza bejn strumenti differenti fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u, fejn xieraq, reġjonali, b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri ffinanzjati minn fondi tal-Unjoni, kemm fil-fażi tal-ippjanar kif ukoll waqt l-implimentazzjoni;

(b) jottimizzaw il-mekkaniżmi tal-koordinazzjoni sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi; kif ukoll

(c) jiżguraw li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib bejn dawk responsabbli għall-implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u, fejn xieraq, dak reġjonali sabiex iwettqu azzjonijiet ta' sostenn koerenti u simplifikati skont l-istrument.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tiżgura l-komplementarjetà u s-sinerġiji bl-appoġġ provdut minn organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra.

*Artikolu 14*
*Monitoraġġ tal-implimentazzjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-istrument u tkejjel il-ksib tal-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4. L-indikaturi li għandhom jintużaw għar-rappurtar dwar il-progress u għall-fini tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta’ dan ir-Regolament lejn il-ksib tal-objettivi ġenerali u speċifiċi huma stipulati fl-Anness III. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni għandu jkun immirat u proporzjonat għall-attivitajiet imwettqa skont l-istrument.

2. Is-sistema tar-rappurtar tal-prestazzjoni għandha tiżgura li d-*data* għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istrument u r-riżultati jinġabru b’mod effiċjenti, effikaċi u fil-ħin. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta’ rapportar proporzjonati fuq il-benefiċjarji tal-finanzjament tal-Unjoni.

*Artikolu 15*
*Rapport annwali*

1. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament.

2. Ir-rapport annwali għandu jinkludi informazzjoni dwar:

(a) it-talbiet għal sostenn ippreżentati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 8(1);

(b) l-analiżi tal-applikazzjoni tal-kriterji, imsemmija fl-Artikolu 8(2), użata biex jiġu analizzati t-talbiet għas-sostenn ippreżentati mill-Istati Membri;

(c) il-pjanijiet ta' kooperazzjoni u sostenn imsemmija fl-Artikolu 8(3);

(d) il-miżuri speċjali adottati skont l-Artikolu 12(7); kif ukoll

(e) l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sostenn.

*Artikolu 16*
*Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u evalwazzjoni ex post*

1. Erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport ta' evalwazzjoni indipendenti ta' nofs it-terminu dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi wkoll lil dawn l-istituzzjonijiet rapport ta' evalwazzjoni *ex post* indipendenti mhux aktar tard minn tliet snin wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1.

2. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għandu, b'mod partikolari, jivvaluta sa fejn intlaħqu l-objettivi tal-istrument imsemmi fl-Artikoli 3 u 4, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew. Huwa għandu jindirizza wkoll ir-rilevanza kontinwa tal-objettivi u l-azzjonijiet kollha.

3. Ir-rapport tal-evalwazzjoni *ex post* għandu jikkonsisti minn valutazzjoni kumplessiva tar-Regolament u għandu jinkludi informazzjoni dwar l-impatt fit-tul tiegħu.

# KAPITOLU IV

# Dispożizzjonijiet tranżizzjonali u finali

*Artikolu 17*
*Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità*

1. Il-benefiċjarji tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inklużi lill-midja u lill-pubbliku.

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-istrument, kif ukoll l-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-istrument għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, dment li dawn ikunu relatati mal-objettivi msemmija fl-Artikoli 3 u 4.

*Artikolu 18*
*Dispożizzjoni tranżitorja*

1. Azzjonijiet u attivitajiet ta' appoġġ tekniku mibdija fil-31 ta' Diċembru 2020, jew qabel, skont ir-Regolament (UE) Nru 2017/825 għandhom ikomplu jiġu rregolati minn dak ir-Regolament sakemm jitlestew.
2. Il-pakkett finanzjarju stipulat fl-Artikolu 6(1) jista' wkoll ikopri l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva, inklużi l-monitoraġġ, il-komunikazzjoni u l-evalwazzjoni meħtieġa skont ir-Regolament (UE) Nru 2017/825 u li ma jkunux tlestew sal-31 ta' Diċembru 2020.
3. Fejn meħtieġ, jistgħu jiddaħħlu approprjazzjonijiet fil-baġit lil hinn mill-2020 biex ikopru l-ispejjeż previsti fl-Artikolu 6(2) relatati mal-ġestjoni ta' azzjonijiet mhux imwettqa sal-31 ta' Diċembru 2020.

*Artikolu 19*
*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# <u>DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA</u>

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.6. Durata u impatt finanzjarju

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja baġitarja/linji baġitarji tan-nefqa affettwata/affettwati

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

**<u>DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA</u>**

# 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

## 1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku |

## 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[26]

| |
|---|
| Koeżjoni;<br>Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji |

## 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[27]

✓ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

## 1.4. Objettiv(i)

### *1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva*

| |
|---|
| L-għan ta' dan l-istrument huwa li jippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali billi jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw ir-riformi meħtieġa biex jiksbu l-irkupru ekonomiku u soċjali, ir-reżiljenza u l-konverġenza, u li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex isaħħu l-kapaċità amministrattiva tagħhom biex jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-isfidi li jiffaċċjaw l-istituzzjonijiet, il-governanza, l-amministrazzjoni pubblika, u s-setturi ekonomiċi u soċjali. |

### *1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernat(i)*

| |
|---|
| <u>Objettiv speċifiku Nru</u><br>L-Istati Membri jitolbu lill-istrument ta' appoġġ tekniku jassisti lill-awtoritajiet nazzjonali fit-titjib tal-kapaċità tagħhom biex ifasslu, jiżviluppaw u jimplimentaw riformi, inkluż permezz ta' skambju ta' prattiki tajbin, proċessi u metodoloġiji xierqa u ġestjoni aktar effettiva u effiċjenti tar-riżorsi umani. |

[26] ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

[27] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Jenħtieġ li l-appoġġ jirriżulta f'titjib fil-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri biex jimplimentaw riformi ta' prijorità biex jinkisbu l-irkupru ekonomiku u soċjali, ir-reżiljenza u l-konverġenza, u biex jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni fl-oqsma rilevanti ta' politika fejn jingħata dan l-appoġġ (jekk jintalab), jiġifieri l-ġestjoni finanzjarja u tal-assi pubbliċi; il-proċess tal-baġit; il-ġestjoni tad-dejn u l-amministrazzjoni tad-dħul; il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa; ir-riforma istituzzjonali, l-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi elettroniċi tal-gvern; l-ambjent tan-negozju; l-edukazzjoni u t-taħriġ; is-saħħa; is-suq tax-xogħol; u l-implimentazzjoni tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u l-politiki tas-settur finanzjarju.

*1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.*

L-indikaturi tar-riżultati jkejlu l-eżiti tal-attivitajiet ta' appoġġ tekniku pprovdut, bħall-adozzjoni ta' strateġija, l-adozzjoni ta' att/liġi ġdid/a jew il-modifika ta' wieħed/waħda eżistenti, l-adozzjoni ta' proċeduri u azzjonijiet (ġodda) biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tar-riformi;

L-indikaturi tal-impatt ikejlu l-objettivi stabbiliti fil-pjanijiet ta' kooperazzjoni u ta' appoġġ, li jkunu kisbu, fost affarijiet oħra, permezz tal-appoġġ tekniku riċevut.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/jiġu ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil*

Riformi strutturali huma bidliet li jimmodifikaw, b'mod li jdum, l-istruttura ta' ekonomija jew il-qafas istituzzjonali u regolatorju li fih joperaw in-negozji u n-nies. Jekk jintgħażlu u jiġu implimentati tajjeb, ir-riformi strutturali jistgħu jgħinu l-ippjanar strateġiku għall-irkupru ekonomiku u soċjali, ir-reżiljenza u l-konverġenza fost l-Istati Membri. Dan huwa mistenni li jpoġġi rkupru solidu fit-triq it-tajba u jimbotta t-tkabbir sostenibbli tal-Istati Membri.

Għaldaqstant, l-istrument ta' appoġġ tekniku għandu l-għan li jappoġġa lill-gvernijiet tal-Istati Membri u awtoritajiet oħra, fuq talba mingħandhom, fl-isforzi tagħhom biex ifasslu u jimplimentaw ir-riformi strutturali li jgħinu l-irkupru. L-istrument huwa maħsub biex jikkontribwixxi għall-objettiv kumplessiv li jtejjeb il-koeżjoni, u l-irkupru ekonomiku u soċjali, ir-reżiljenza u l-konverġenza.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)

Fl-isfond tat-tifqigħa tal-COVID-19, il-ħtieġa li jippjanaw b'mod strateġiku għall-irkupru jitlob li l-isforzi għar-riforma tal-Istati Membri jkomplu jiġu akkumpanjati billi jingħataw appoġġ tekniku sostanzjali biex isaħħu l-kapaċità amministrattiva tagħhom biex iħejju u jimplimentaw ir-riformi li jimbuttaw ir-reżiljenza u jirfdu dak l-irkupru fid-dimensjonijiet soċjali u ekonomiċi tiegħu.

F'dan il-kuntest, il-valur miżjud huwa offrut minn strument fil-livell tal-Unjoni li jiffoka fuq l-għoti ta' għarfien espert imfassal apposta għall-benefiċċju tal-Istati Membri li jitolbu għall-appoġġ fil-post. Dan il-valur miżjud jiġi tradott ulterjorment

f'kapaċità istituzzjonali u amministrattiva meħtieġa biex jiġu implimentati riformi u jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jpoġġu l-irkupru fuq sisien aktar sodi.

Barra minn hekk, l-istrument ta' appoġġ tekniku se jippromwovi l-fiduċja reċiproka u aktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni hekk kif dawn jiffaċċjaw l-impatt soċjetali tal-kriżi tal-COVID-19.

Il-valur miżjud mistenni tal-Unjoni (*ex post*)

Filwaqt li l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali fl-Istati Membri għadha kompetenza nazzjonali, l-impatt ekonomiku u soċjetali kkawżat mill-kriżi attwali tal-COVID-19 enfasizza r-rabtiet qawwija bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri. Għaldaqstant, l-isforzi għar-riforma li jirfdu l-irkupru minn dik il-kriżi ma jistgħux ikunu sempliċiment kwistjoni nazzjonali. Il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-irkupru mill-kriżi se tiġi diskussa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. L-istrument ta' appoġġ tekniku se jkollu l-għan li jakkumpanja lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri rikjedenti matul l-istadji jew f'fażijiet speċifiċi tal-proċess ta' riforma, inkluż billi jagħti appoġġ addizzjonali għall-implimentazzjoni tar-riformi skont is-Semestru Ewropew. B'hekk, se jikkontribwixxi għar-reżiljenza, għall-konverġenza u għall-irkupru ekonomiku u soċjali tal-Istati Membri. Għaldaqstant, l-impatt tiegħu se jinħass mhux biss fil-livell nazzjonali, iżda se jkollu wkoll effetti konsegwenzjali pożittivi għall-irkupru tal-Unjoni kollha kemm hi.

*1.5.3. Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-istrument ta' appoġġ tekniku huwa kontinwazzjoni tal-Programm eżistenti ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali tal-2017-2020 (Structural Reform Support Programme, SRSP), li daħal fis-seħħ fl-20 ta' Mejju 2017.

Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu dwar l-SRSP, li dalwaqt jiġi adottat mill-Kummissjoni, eżamina l-prestazzjoni tiegħu skont il-kriterji ta' evalwazzjoni tar-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE, u silet għadd ta' tagħlimiet:

- it-tfassil tal-SRSP huwa allinjat mal-ħtiġijiet attwali tal-Istati Membri u jservi ta' strument xieraq biex jappoġġa lill-Istati Membri fit-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali tagħhom;

- il-livell għoli ta' flessibbiltà u n-nuqqas ta' rekwiżiti ta' kofinanzjament jagħmluha possibbli li l-ħtiġijiet tal-Istati Membri jissarrfu f'azzjonijiet fattibbli bi skedi ta' żmien realistiċi u jissodisfaw l-aspettattivi tal-Istat Membru;

- il-kondiviżjoni ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri ġiet evalwata wkoll li għandha valur miżjud sinifikanti. Barra minn hekk, l-SRSP huwa integrat sew fil-proċess ta' governanza ekonomika tal-UE;

- iċ-ċikli annwali tal-SRSP u tas-Semestru Ewropew qed jikkontribwixxu b'mod adegwat għal xulxin, u dan jippermetti approċċ komprensiv u koordinat lejn riformi strutturali fl-Istati Membri;

- livell għoli ta' impenn mill-partijiet ikkonċernati kollha, livell għoli ta' għarfien espert tal-fornitur tal-appoġġ tekniku u ċirkustanzi politiċi favorevoli jitqiesu bħala fatturi li għandhom influwenza pożittiva fuq it-twettiq tal-outpouts tal-proġetti tal-SRSP; kif ukoll

- nuqqas ta' kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati u tibdil jew ċirkustanzi politiċi inċerti jitqiesu li jkollhom influwenza negattiva fuq l-implimentazzjoni b'suċċess ta' proġetti ta' appoġġ tekniku.

*1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-proposta hija konsistenti mal-komplementarjetà u s-sinerġiji mal-politiki l-oħrajn tal-Unjoni, u tipprovdi għalihom.

Il-proposta, li tistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, għandha l-għan li toffri appoġġ finanzjarju għall-investimenti u r-riformi pubbliċi. L-istrument ta' appoġġ tekniku jipprovdi sinerġiji mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza billi jappoġġa t-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet, u jappoġġa r-riformi tagħhom matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tagħhom. L-istrument ta' appoġġ tekniku huwa kompatibbli mal-assistenza teknika disponibbli taħt il-politika ta' koeżjoni billi din l-assistenza teknika hija ffukata b'mod strett fuq l-għajnuna biex il-partijiet ikkonċernati jibnu l-kapaċità li jamministraw il-fondi tal-Unjoni u jimbuttaw l-implimentazzjoni tal-proġetti kofinanzjati mill-fondi tal-Unjoni. Bl-istess mod, iċ-ċentru tal-assistenza teknika li huwa disponibbli permezz tal-InvestEU huwa prinċipalment immirat għat-tħejjija ta' proġetti kbar ta' investiment (privat) u ma għandux ir-riformi strutturali fil-mira tiegħu. B'kuntrast ma' dan, l-istrument ta' appoġġ tekniku għandu l-għan li jagħti appoġġ għal riformi strutturali fit-tul.

## 1.6. Durata u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– ☐ Proposta/inizjattiva b'effett minn SSSS sa SSSS

– ✓ Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[28]

✓ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ✓ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

✓ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ✓ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ✓ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐lill-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ✓ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ✓ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| mhux disponibbli |

[28] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_mt.html

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta’ monitoraġġ u ta’ rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-proposta tinkludi obbligi ta’ monitoraġġ u evalwazzjoni. Il-kisba tal-objettivi speċifiċi se tkun immonitorjata fuq il-bażi tal-indikaturi li jinsabu fil-proposta; il-Kummissjoni se tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament.

Il-Kummissjoni se tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b’rapport *interim* ta’ evalwazzjoni u b’rapport ta' evalwazzjoni *ex post*.

Ir-rapport tal-evalwazzjoni ta’ nofs it-terminu se jinkludi informazzjoni dwar l-ilħiq tal-objettivi tar-Regolament, l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tar-Regolament. Ir-rapport se jindirizza wkoll jekk l-objettivi u l-azzjonijiet kollha għadhomx rilevanti. Ir-rapport ta’ evalwazzjoni *ex post* se jikkonsisti minn valutazzjoni globali tar-Regolament u se jinkludi informazzjoni dwar l-impatt tiegħu fit-tul.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta’ kontroll

*2.2.1. Riskju/Riskji identifikat(i)*

Ir-riskji huma marbuta mal-għażla tas-sħab (pereżempju istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFI) u l-benefiċjarji), il-fażi kontraenti (traspożizzjoni tar-rekwiżiti tal-Kummissjoni fid-dokumentazzjoni kuntrattwali), il-monitoraġġ u t-tranżazzjonijiet finanzjarji (nuqqas ta’ osservanza tal-proċessi stipulati mill-Kummissjoni) u l-kejl tal-prestazzjoni (nuqqas ta’ kisba ta’ miri/objettivi definiti minn qabel).

Il-miżuri li se jiġu implimentati biex jiġu mitigati dawn ir-riskji huma dawn li ġejjin:

- wara l-proċess ta’ evalwazzjoni stabbilit qabel id-deċiżjoni tal-għotja;

- verifika *ex ante* mis-servizz ta’ ġestjoni tal-programm u verifika finanzjarja mis-servizz finanzjarju;

- validazzjoni ġerarkika tal-operazzjonijiet permezz ta’ ċirkwiti xierqa;

- valutazzjoni *ex ante* tal-entità fdata (valutazzjoni tal-pilastru); kif ukoll

- kontrolli *ex post* biex jiġu indirizzati nuqqasijiet sistemiċi tal-kontrolli *ex ante* u li jikkontribwixxu għall-korrezzjonijiet tal-ammonti mħallsa indebitament.

*2.2.2. Tagħrif dwar is-sistema ta’ kontroll intern li ġiet stabbilita*

L-istrument jista’ jiġi implimentat direttament mill-Kummissjoni jew indirettament, skont l-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju. L-istrument jibni fuq l-esperjenza tal-SRSP, li ġiet immaniġġata permezz ta’ ġestjoni diretta u indiretta, li karatteristika attraenti tagħha kienet is-sempliċità amministrattiva tagħha. Biex tkun żgurata l-kontinwità u tinżamm il-koerenza tal-qafas, il-ġestjoni diretta (u, fejn xieraq, il-ġestjoni indiretta) hija l-aktar opzjoni xierqa. Fejn xieraq, fid-dawl tal-objettivi ta’ politika u meta wieħed iqis ukoll l-objettivi ta’ kontroll, se tintuża wkoll il-ġestjoni indiretta mal-organizzazzjonijiet internazzjonali. L-istrateġija ta’ kontroll hija meqjusa xierqa u bbilanċjata biex jiġi indirizzat ir-riskju tradizzjonali relatat

mal-ġestjoni diretta jew indiretta (l-akkwist u l-ftehimiet tal-għotjiet u ta' kontribuzzjoni, kif iddetaljat fil-punt 2.2.1).

2.2.3. *Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni ta' riskju ta' errur*

Fuq il-bażi tal-aħħar informazzjoni (disponibbli fil-Pjan ta' Ġestjoni tal-SRSS (issa DĠ REFORM) għall-2018 u r-Rapport Annwali tal-Attività), l-istima tal-kosteffettività tal-kontrolli hija taħt il-5 %.

Il-kostijiet tal-persunal huma stmati permezz ta' approssimazzjonijiet ibbażati fuq analiżi tal-organigramma u d-deskrizzjonijiet tax-xogħol, filwaqt li l-kostijiet esterni tal-kontrolli huma bbażati fuq il-valuri tal-kuntratti rispettivi u tal-pagamenti relatati.

Meta wieħed iqis il-mod ta' ġestjoni propost, il-valutazzjoni tar-riskju u l-mitigazzjoni tar-riskji proposti, ir-rata mistennija ta' erruri hija baxxa.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.*

Hemm miżuri differenti fis-seħħ għall-istrument biex jipprevjenu frodi u irregolaritajiet.

F'konformità mal-Istrateġija Kontra l-Frodi tal-Kummissjoni li tkopri ċ-ċiklu kollu tan-nefqa, id-DĠ REFORM se jwettaq pjan ta' azzjoni speċifiku kontra l-frodi għal dawn l-ispejjeż, b'kunsiderazzjoni tal-proporzjonalità u tal-benefiċċju tal-kostijiet tal-miżuri li se jiġu implimentati. Dan se jkun ibbażat b'mod wiesa' fuq l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tal-istrateġija attwali kontra l-frodi tad-DĠ REFORM.

Proċessi xierqa ta' kontroll intern se japplikaw fil-livelli kollha ta' ġestjoni u se jkunu mfassla biex jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli li jintlaħqu l-objettivi li ġejjin: l-effettività, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-operazzjonijiet; l-affidabbiltà tar-rapportar; is-salvagwardji tal-assi u tal-informazzjoni; ġestjoni adegwata tar-riskji relatati mal-legalità u mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, u l-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u s-segwitu ta' frodi u irregolaritajiet.

Il-pjan ta' azzjoni kontra l-frodi se jiddeskrivi s-sistema ta' verifiki *ex ante* u *ex post* abbażi ta' sistema ta' ffleggjar aħmar, u jispeċifika l-proċeduri li jridu jiġu segwiti mill-persunal jekk jinstabu frodi jew irregolaritajiet. Għandu jipprovdi wkoll informazzjoni dwar l-arranġamenti ta' ħidma mal-OLAF.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja baġitarja/linji baġitarji tan-nefqa affettwata/affettwati

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja Baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru<br>Intestatura 2: Koeżjoni u Valuri | Diff./Mhux diff.[29]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[30] | mill-pajjiżi kandidati[31] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 2 | 06.01 04 01 (Nefqa ta' sostenn għall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku – TSI) | Diff./Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |
| 2 | 06.02.02 (TSI — Appoġġ Tekniku Operazzjonali) | Diff. | LE | LE | LE | LE |

29 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
30 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
31 Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 2 | Koeżjoni u Valuri |
|---|---|---|

| DĠ REFORM | | | Sena **2021** | Sena **2022** | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | Wara l-**2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| •Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | | |
| 06.02.02 (TSI — Appoġġ Tekniku Operazzjonali) | Impenji | (1) | 114,364 | 116,692 | 119,065 | 121,486 | 123,956 | 126,476 | 128,367 | - | **850,406** |
| | Pagamenti | (2) | 56,382 | 84,658 | 97,685 | 102,053 | 104,886 | 107,981 | 107,853 | 188,908 | **850,406** |
| | | | | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[32] | | | | | | | | | | | |
| 06.04 04 01 (Nefqa ta' sostenn għall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku – TSI) | | (3) | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | **-** | **14,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ REFORM** | Impenji | =1+1a +3 | 116,364 | 118,692 | 121,065 | 123,486 | 125,956 | 128,476 | 130,367 | - | **864,406** |
| | Pagamenti | =2+2a +3 | 58,382 | 86,658 | 99,685 | 104,053 | 106,886 | 109,981 | 109,853 | 188,908 | **864.406** |

[32] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 5 | “Nefqa amministrattiva” |
|---|---|---|

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: REFORM | | | | | | | | | |
| •Riżorsi umani | | 29,890 | 31,945 | 31,945 | 31,945 | 31,945 | 31,945 | 31,945 | 221,560 |
| •Nefqa amministrattiva oħra | | 1,400 | 1,655 | 1,695 | 1,695 | 1,695 | 1,695 | 1,695 | 11,530 |
| **TOTAL tad-DĠ** REFORM | Approprjazzjonijiet | 31,290 | 33,600 | 33,640 | 33,640 | 33,640 | 33,640 | 33,640 | 233,090 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti) | 31,290 | 33,600 | 33,640 | 33,640 | 33,640 | 33,640 | 33,640 | 233,090 |

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena 2021 | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Wara l-2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 154,720 | 157,030 | 157,070 | 157,070 | 157,070 | 157,070 | 156,060 | 0,000 | **1096,090** |
| | Pagamenti | 75,791 | 126,065 | 150,999 | 157,070 | 157,070 | 157,070 | 157,070 | 114,955 | **1096,090** |

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.2.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva.

– **X** Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **2021**[33] | Sena **2022** | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 29,890 | 31,945 | 31,945 | 31,945 | 31,945 | 31,945 | 31,945 | **221,560** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 1,400 | 1,655 | 1,695 | 1,695 | 1,695 | 1,695 | 1,695 | **11,530** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 31,290 | 33,600 | 33,640 | 33,640 | 33,640 | 33,640 | 33,640 | **233,090** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7[34] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | **14,000** |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | **14,000** |
| **TOTAL** | **33,290** | **35,600** | **35,640** | **35,640** | **35,640** | **35,640** | **35,640** | **247,090** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

33 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

34 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.2.2. Ir-rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– **X** Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• ˙Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 162 | 173 | 173 | 173 | 173 | 173 | 173 |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| **•Persunal estern (f'Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)[35]** | | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | 69 | 74 | 74 | 74 | 74 | 74 | 74 |
| XX 01 02 02 (AC, AL, SNE, INT u JED fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| **XX** 01 04 **yy** [36] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| **XX** 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħrajn (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | **231** | **247** | **247** | **247** | **247** | **247** | **247** |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | |
| Persunal estern | |

35 AC= Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT= persunal tal-aġenzija; JED = Esperti Subalterni fid-Delegazzjonijiet.

36 Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

*3.2.3. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tkun tinvolvi riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

*3.2.4. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.
- Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq id-dħul mixxellanju

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[37] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| L-Artikolu ………… | | | | | | | | |

Għad-dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja baġitarja tan-nefqa affettwata.

| |
|---|
| |

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

| |
|---|
| |

[37] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % tal-kostijiet tal-ġbir.